# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' April, 2001.**

**Numru 74**

**Citaz. Nru. 2351/96GV**

**Doc. Nru. 71-01**

**Joseph Bartolo u Catherine Bartolo f'isimhom proprio u okkorrendo bhala gia' legittimi rapprezentanti ta' binthom minuri Josianne Bartolo (gja' minorenni) u Josianne Bartolo (illum maggjorenni)**

**vs**

**George Zammit**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fil-15 ta' Lulju, 1994 ghal habta tal-9.55 p.m. il-konvenut waqt li kien qed isuq il-karozza tal-marka Morris 1000 numru ta' registrazzjoni B-3083 propjeta' tieghu f'St. Lucian Tower Road, Marsascala tilef il-kontroll tal-karozza, habat mal-hajt ta' plant yard u karozza Mitsubishi numru ta' registrazzjoni 0-1072 li kienet ipparkjata (Dok. A) u kkawza danni fizici u personali lill-attrici Josianne Bartolo (Dok. B) li kienet passiggiera fuq wara fl-imsemmija karozza propjeta' tal-konvenut;

Premess illi l-incident sehh unikament tort u htija, b'negligenza, traskuragni, imperizia u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut

li kien ghaddej b'velocita' kbira u eccessiva u kif inghad ikkaguna danni lill-attrici Josianne Bartolo;

L-atturi talbu lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli tal-incident li fih ikkaguna danni lil Josianne Bartolo fil-15 ta' Lulju, 1994 meta kien qed isuq karozza tal-marka Morris 1000 numru ta' registrazzjoni B-3083;

2. Tilikkwida d-danni sofferti mill-attrici Josianne Bartolo u l-atturi rizultat tal-incident stradali fuq deskritt:

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma likwidata fit-tieni talba bl-imghax dovut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 12 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li l-incident in kwistjoni ma sehhx minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut kif allegat fic-citazzjoni;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digrieti a fol. 66, 75 u 77 li bihom gew nominati l-esperti medici;

Rat ir-rapporti taghhom;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**TALBA**

L-atturi qed jitlobu li din il-Qorti : tiddikjara lill-konvenut responsabbli tal-incident li fih ikkaguna danni lill Josianne Bartolo fil-15 ta' Lulju, 1994 meta kien qed isuq karozza tal-marka Morris 1000 B-3083; tillikwida d-danni sofferti mill-attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati billi l-incident ma sehhx minhabba negligenza da parti tieghu kif allegat.

**PROVI**

**P.S. 359 Carmelo Abdilla** xehed li kienet saret inkjesta dwar dan l-incident billi Bartolo kienet fil-perikolu tal-mewt. Kien hemm karozza wahda nvoluta li baqghet diehla go van ipparkjat. Bid-daqqa l-van tmexxa 10 metri u l-karozza daret lagemba. *Brake marks* ma setghax jara.

**Josianne Bartolo** xehdet li kienet riekba fil-karozza ta' George Zammit wara d-*driver* sejrin lejn B'Bugia. Kienu waqfu f'hanut u George ha zewg birra. Imbaghad saqu lejn Hal Luqa. Il-konvenut beda jsuq jaghggel u kienu

qalulu biex isuq bil-mod. Hu ma tax kas u baqa' ghaddej bi *speed* qawwi mbaghad habtu u hi intilfet minn sensiha. Huma dahlu go van li kien ipparkjat. Hi ghamlet xahar mitlufa minn sensiha u wara baqghet issofri konsegwenzi ta' din il-habta f'rasha, ghajnejha, mniehirha u n-nifs. Rasha ghadha tugghha sallum. Ghanda ghajn wahda tal-lemin li marret lura mill-vizta' u minn imniehirha ma xxomm xejn.

Fuq *speed* qalet li ma setghetx tghid b'kemm kien ghaddej il-konvenut ghalkemm li *speed* kien qawwi u bdiet tibza' u ghalqet ghajnejha. Bdew iwerzqu ghax kien ghaddej bi *speed* qawwi hafna.

**Loranne Lauria** xehdet li kienet tahdem ma' Josianne ma' Baxter Ltd. Dak in nhar ta' incident kienet maghha u kienu erbgha. Marru jixorbu xi haga. Hi kienet riekba fuq wara u ma gemba kien hemm Josianne. Quddiem kien hemm id-*driver* u magembu Mary. Meta marru biex jilwu lejn il-*pitch* ta' Marsaxlokk id-*driver* dar bis-sahha, fethet il-bieba u qabzet u baqghu dehlin go vann. Hi wegghet naqra saqajha. Marret fejn l-ohrajn izda dawn ma setghux ikellmuha u marret ghall ghajjut. Zammit kien ha tnejn birra u kien ghaddej bi *speed* u ghalhekk qabzet mill-karozza.

**George Zammit** xehed li kien mar f'bar B'Bugia ma' tlieta ohra fosthom l-attrici. Ha tnejn birra u kienu sejrin lejn id-dar. Kien ghaddej minn Marsaxlokk u hin minnhom tah *'black out'* u ma jafx x'gara wara sakemm sab ruhu l-isptar. Sa l-ahhar mument illi hu kien konxju jaf li kien ghaddej bi *speed* ta' xi 25 mfs izda certament ma jeccediex it-30 mfs. Hu kien qed isuq Morris 1000 li ghandha magna 9 *horsepower*. Hu jichad li kien qed isuq bi *speed* qawwi ghall-inqas sal mument li baqa' f'sensih.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR RESPONSABILITA'**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li t-tort tal-incident kien unikament tal-konvenut. L-allegazzjoni tieghu li tah *black out* ma ssib riskontru minn imkien. Josianne Bartolo tghid li l-konvenut kien ghaddej bi *speed* qawwi u

kienu qalulu biex isuq bil-mod izda dan ma tax kas taghhom u baqa' ghaddej bi *speed* qawwi. L-istess qalet Loranne Lauria. Dawn tant kienu qed jibzghu bl-*speed* qawwi li kien ghaddej bih il-konvenut li Josianne ghalqet ghajnejha u bdiet twerzaq mentri l-ohra qabzet mill-karozza qabel il-habta. Dawn xehdu li l-konvenut kien xorob tnejn birra ftit qabel. Lauria spjegat li l-incident gara ghax il-konvenut ha l-kantuniera bil-qawwi. Fl-ebda mument ma semmew li l-konvenut ma kienx qed ihossu tajjeb.

Ghalhekk lanqas ma jsib riskontru dak li qal il-konvenut cioe' li kien ghaddej b'xi 25 mfs. Is-Surgent xehed li bid-daqqa l-van li kien ipparkjat tmexxa 10 metri u l-karozza tal-konvenut daret lagemba. *Brakemarks* ma setghax jara. Kien hemm ukoll bzonn ta' l-intervent tal SAG biex jitqattghu partijiet mill-karozza biex jaqilghu l-persuni mill-karozza. Il-vetturi kienu garbu hsarat kbar. Kollox ghalhekk hu ndikativ ta' *speed* qawwi kif qalu l-passigieri li kienu mal-konvenut.

Hu intuwittiv li biex difiza ta' hass hazin repentin tista' tiskontra success, jinhtieg li l-imputat li jallegaha jgib prova konfermatorja tali li almenu tixhet dubbju ragjonevoli dwar l-assunt tal-prosekuzzjoni tar-responsabilita' kolpuza tieghu. Wiehed jista' jifhem li, f'kazijiet simili, ghandhom jirrikorru xi cirkostanzi precedenti u/jew konkomitanti u/jew sussegwenti li jaghtu certa konsistenza lill-allegazzjoni. Il-Qorti ma tistax issemmi liema jistghu jkunu in ispecje dawn ic-cirkostanzi ghaliex il-varjeta' taghhom hi pressokke' infinita, imma certament xi marda pre-ezistenti li tista' tipproduci telf improvviz tal-koxjenza, hi wahda minnhom, bhal ma jista' jkun wahda minnhom xi disturb emotiv intens, jew talvolta xi stankezza straordinarja prolungata oltre l-limiti, salv kwistjonijiet ohra (Ara Il-Pulizija vs A. Portelli 9/2/1962 App.Krim. u Vol XLV1 p4 p 855).

Fil-kaz in ezami ghandna semplicement l-allegazzjoni tal-konvenut li tah *black out* u xejn aktar. Anzi fil-process verbal din l-allegazzjoni giet skartata (ara fol 102) u l-espert nominati mill-Magistrat inkwirenti sabu li l-vera raguni kienet li l-vettura tal-konvenut kellha brejkijiet difettuzi u ma kienux jorbtu.

Probabilment din kienet ir-raguni ghaliex ma nstabux *brakemarks* u l-konvenut baqa' sejjer dritt fil-van ipparkjat. Finalment ghal kull buon fini jigi rilevat ukoll li l-konvenut lanqas appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li mmultatu u skwalifikatu.

**DIZABILITA'**

Il-Qorti nominat tlett esperti biex jezaminaw lill Josianne Bartolo.

**Mr. John Pace Balzan** gie nominat (fol 67) bhala espert mediku biex jirrelata dwar in-nuqqas ta' toghma u xamm u dan ipprezenta r-rapport tieghu a fol. 81 fejn ikkonferma li Bartolo verament tilfet is-sens ta' xamm u toghma u qal li din il-problema hija wahda totali permanenti u twassal ghal **dizabilita' ta' 25%.**

**Dr. A. Galea Debono** gie nominat (fol. 75) bhala espert neurologu u pprezenta r-relazzjoni tieghu (fol. 88) fejn ikkonkluda li Bartolo sofriet hsara qawwija u se jkollha dizabilita' permanenti. L-anosmia (nuqqas ta' xamm) hu difett serju ghaliex Bartolo tilfet wiehed mis-sensi ewlenin u l-hajja normali hija difficli hafna minghajr dan is-*special sense* u fl-opinjoni tieghu d-dizabilita' hija ta' 15%. Id-dizabilita' kkagunata mill-*post concussional syndrome* (ugiegh ta' ras u telf ta' memorja) hija ta' 5%. Fl-ahhar ghandha tigi moghtija 9% ohra minhabba l-possibilita' li fil-futur tizviluppa epilepsija. Jekk tizviluppa din il-problema, din tkun dizabilita' ta' 30% - illum ghandha probabilita' ta' 30% li jigri dan, u allura llum din tissarraf fil-figura moghtija. **Id-dizabilita' finali hija ta' 29%.**

**Dr. Ivan Vella** gie nominat (fol. 77) bhala espert oftalmiku u pprezenta r-rapport tieghu a fol. 85 u qal li "*the reduced vision in the right eye is caused by damage to the right optic nerve. This damage is permanent. This represents an* ***overall percentage viswal disability of 12%.***"

Profs Grixti Soler xehed li kien hareg ic-certifikat a fol. 7 lill Josianne Bartolo fejn sab li kien hemm telf komplet ta' xamm u toghma u kellha dizabilita' ta' 15%. Hu ma regax ezaminaha wara li hareg dan ic-certifikat.

Mr. Zrinzo xehed li kien ra lill Bartolo l-isptar u kien ezaminaha u sab li kellha griehi gravi f'rasha. B'konsegwenza ta' dan kienet giet operata. In-nervituri tax-xamm kienu mcarrta u b'konsegwenza ta' dan Josianne ma xxommx. Kien hemm ukoll spustjar tal-e*yeball* tal-lemin li kien imnizzel naqra l-isfel. Kosmetikament kien hemm anke griehi fil-wicc apparti t-ticrit li semma. Minhabba dawn il-griehi Josianne saret aktar irritabbli. Hemm sinjali li l-mohh tqabar bid-daqqa u jibqa' permanenti. Jekk il quddiem jaqbadha xi *stroke* hafif, fejn, lill xi hadd iehor ikun temporanju, jista' fil-kaz taghha jkun ta' dannu akbar. **Bhala dannu zgur hemm 30%.**

**Konkluzzjoni dwar dizabilita'**

Fil-klassifika ta' *personal injuries*, hemm dawk li jissejhu *'total wreck' cases* meta jkun hemm inkapacita' kompleta ghax-xoghol, bhal fil-kazi fejn wiehed jibqa' paralizzat jew ikollu *severe brain injury*. Imbaghad hemm il- '*partial wreck' cases.* F'dawn il-kazijiet il-persuna kollha hija effettwata, izda dawn il-kazijiet huma differenti minn ta' qabel billi tibqa' l-kapacita' li tahdem u tgawdi l-hajja. Ezempju ta' dawn il-kazijiet huma dawk fejn ikun hemm *brain injuries resulting in a personality change, and multiple injuries with grave disfigurement*. Imbaghad hemm it-tielet kategorija fejn ikun hemm *loss of specific parts of the body*.

Il-kaz in ezami jaqa' fit-tieni katergorija. Josianne Bartolo tilfet is-sens ta' xamm u toghma, ghandha telf parzjali tal-memorja, telf tal-vista f'ghajnejha l-leminija, *post-concussional syndrome, disfigurement* (sfregju) u possibilita' li tizviluppa epilepsija.

Dan it-tieni tip ta' kaz ta' feriti jipprezenta diffikilta' biex issir stima.

L-awtur Munkman's (*Damages for personal injuries and death*) isemmi li *one method of assessment is to consider the sort of figure awarded for total incapacity, and estimate how far the case falls short of total incapacity; another approach is to see how the disability compares with the loss of a leg or other limb.*

Din id-diffikulta' gejja wkoll mill-fatt li

*The fixation of damages is so largely a matter of opinion or of impression that differences of calculation or assessment are to be expected. There is to some extent an exercise of judicial discretion.* Per Morris L.J. in Scott v Musial.

Fil-kaz in ezami ghandna tlett tobba li taw *percentage disability* ghat tipi ta' *injuries* li huma ezaminaw. Dawn huma percentaggi ta' dizabilita' generali.

Fil-kaz M. Caruana vs G Camilleri PA JSP 5/10/93 il-Qorti titkellem dwar "*weighted avreage*" u rriferit ukoll ghas-sentenza Butler vs Heard fejn intqal li "dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita' f'sens purament mediku, izda l-effett illi l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat."

Dr. Pace Balzan taha 25% ghan-nuqqas ta' toghma u xamm. Profs. Grixti Soler taha 15% u Dr. Galea Debono 15%.

Dwar din id-dizabilita' l-Qorti ser toqghod fuq dizabilita' ta' 20%.

Ghal *post-concussional syndrome* Dr. A.Galea Debono taha 5% u ghal possibilita' epiliepsija taha 9%.

Ghal telf ta' vizta fl-ghajnejn Dr. Vella taha 12%.

Ghal *disfigurement* (ara xhieda Profs. Grixti Soler) ma saret ebda stima. Il-Qorti ser taghtiha *arbitrio boni viri* 2%.

Il-Qorti fuq il-principji enuncjati aktar il-fuq ser taghti dizabilita' permanenti globali lill Josianne Bartolo ta' 48%.

**DANNI**

Josianne Bartolo kienet tahdem ma' Baxter Limited u a fol. 28 u 47 (l-ammonti precizi huma dawk a fol. 47) hemm indikat dak li tilfet bhala flus.

Hi kienet impjegata bhala *assembly operator* mis-26 ta' April, 1994 sat-28 ta' Ottubru, 1994, imbaghad regghet giet impjegata fl-4 ta' Jannar, 1995. Hi hadet *unpaid sick leave* mit-18 ta' Lulju, 1994 sat-28 ta' Ottubru, 1994.

**Damnum Emergens**

Perjodu 18.07.94 sat-28.10.94 (meta kienet fuq *unpaid sick leave*) Lm530.08 Perjodu 31.10.94 sal 3.1.95 (meta gie terminat l-impieg) Lm443.40 **Total Lm973.40**

**Lucrum Cessans**

Il-partijiet mhux qed jaqblu dwar il-mod kif ghandu jigi kalkolat il-*lucrum cessans* dovut lill Josianne Bartolo. Bazikament il-konvenut qed jibbaza ruhhu fuq il-kalkolazzjoni li kienet giet adoperata fis-sentenza Butler vs Heard li llum bil-gurisprudenza recenti giet superata fis-sens li l-Qorti m'ghadhiex marbuta bil-parametri ta' dak il-metodu ta' kalkolazzjoni imma l-interpretazzjoni hija aktar elastika (ara fost ohrajn Kum Agius vs Galea 11/7/89; App Grech vs Farrugia 7/12/94; App Galea vs Balzan 26/2/93; PA JSP Desira vs Cassar 13/1/95; App 26/7/91 Bugeja vs Agius; PA JMB

Camilleri vs Borg 8/5/1980; PA GCD Turner vs Agius 17/2/1998; App Abela vs PM 30/12/94).

**Dwar Multiplier**

Josianne Bartolo kellha 17 sena (hi twieldet fit-2 ta' Settembru, 1977) meta gara l-incident ma hemm xejn fil-process li jindika li hija ma kelliex aspettativa ta' xoghol sakemm taghlaq il-61 sena. A bazi tal-gurisprudenza l-aktar recenti, l-Qorti ser tiehu ghalhekk 35 sena bhala *multiplier*.

Dwar paga l-Qorti ser tiehu l-figura globali ta' Lm2,600 fis-sena cioe' Lm50 fil-gimgha li konsidrat ic-cirkostanzi kollha u jinkludi bonus, inflazzjoni u differenza fis-salarju.

Dwar *lump sum payment* il-Qorti tirrileva li l-incident gara fil-1994 u din is-sentenza fil prima istanza ser tinghata 7 snin wara. Il-persentagg ta' 20% ghall-*lump sum payment* ser jigi ridott fuq dan il-perjodu b'rata ta' 2% kull sena mid-data ta' l-incident. Illi r-rata ta' riduzzjoni tal-*lump sum payment* ghandha tigi ridotta b'14% ghal 6%. Dan mhux qed isir biex jigi penalizzat il-konvenut imma ghax mhux possibbli li jigi degretat il-hlas tal-imghax mid-data meta giet kagunata l-hsara (ara sentenzi Caruana vs Camilleri PA JSP 5/10/93 u PA Desira vs Cassar 13/1/95).

**KALKOLU**

Il-*lucrum cessans* ghandhu jigi kalkolat kif gej:-

| | | |
|---|---|---|
| Paga | Lm50 x 52 | Lm 2,600.00 |
| Ghal 35 sena | 35 x 2600 | Lm91,000.00 |
| 48% Dizabilita' | | Lm43,680.00 |
| 6% *Lump Sum* | | Lm41,059.20 |

**TOTAL ..........................................** **Lm41,059.20**

**RIEPILOGU**

| | |
|---|---|
| ***Damnum Emergens*** | **Lm 973.40** |
| ***Lucrum Cessan*** | **Lm41,059.20** |
| **Total** | **Lm42.032.60** |

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tiddikjara lill-konvenut responsabbli tal-incident li fih ikkaguna danni lill Josianne Bartolo fil-15 ta' Lulju. 1994 meta kien qed isuq karozza tal-marka Morris 1000 B-3083;

tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fl-ammont ta' Lm42,032.60 u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax li jibdew jiddekorru fuq l-ammont mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**